

Brussell, 2 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8699/1/19
REV 1

SPORT 45
SOC 326
SAN 221
JAI 421
RELEX 403
SUSTDEV 71

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8241/19
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità - Adozzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità, kif maqbul fil-laqqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Isport (WPS) tal-4 ta' April 2019.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-ftehim milħuq mid-WPS dwar it-test meħmuż u jgħaddih lill-Kunsill (EYCS tat-22 u t-23 ta' Mejju 2019) għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni sussegwenti tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FIL-KUNSILL,

BILLI

1. Sal-2020, l-UE hija mistennija li jkollha 120 miljun persuna b'diżabilità. L-UE tippromwovi l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità. Parti fundamentali tal-istrateġija tagħha tinvolvi ħidma lejn Ewropa mingħajr ostakoli¹.
2. Il-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3, id-definizzjoni ta' disinn universali kif stabbilita fl-Artikolu 2 u d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteeċipazzjoni fil-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport stabbiliti fl-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)² huma partikolarment rilevanti għall-parteeċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-attivitajiet sportivi fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.
3. Fl-UE, id-diżabilità u l-mard ta' spiss jissemmew bħala raġunijiet għan-nuqqas ta' parteeċipazzjoni f'attivitajiet sportivi u fiżiċi³.

¹ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1141#navItem-3>

² <https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html>

³ TNS Opinion & Social (2018); Ewrobarometru Speċjali 472 dwar l-isport u l-attività fiżika; Stħarriġ mitlub mill-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura u kkoordinat mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni dwar id-Diżabilità; Ħidma fuq il-post, Diċembru 2017.

4. L-isport jista' jiġi ddisinjat speċifikament għall-persuni b'diżabilità jew adattat sabiex jippermetti l-aċċess għall-persuni b'diżabilità irrispettivament mit-tip ta' indeboliment, kemm jekk ikun fiżiku, intellettwali jew sensorju. F'ċerti kundizzjonijiet, l-isport għall-persuni b'diżabilità jista' jiġi pprattikat flimkien ma' daww mingħajr diżabilità, li juri n-natura inklużiva tal-isport.
5. Il-valuri tal-isport fir-rigward tal-inklużjoni soċjali, u b'mod partikolari r-rwol tal-isport fil-promozzjoni u l-kisba tal-integrazzjoni ta' gruppi ta' minoranza u daww emarġinati, huma rikonoxxuti b'mod wiesa'.
6. L-avvenimenti sportivi ewlenin għall-persuni b'diżabilità kibru fil-popolarità, kif muri mil-Logħob Paraolimpiku tas-sajf u dak tax-xitwa l-aktar reċenti li attiraw udjenza massiva ta' telespettaturi minn madwar id-dinja, u mill-organizzazzjoni li għadha ssir ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin għall-persuni b'diżabilità.

JENFASIZZA LI

7. Il-persuni b'diżabilità għandhom aktar probabbiltà li jkunu soġġetti għal żvantaġġ soċjoekonomiku bħall-faqar u rati ta' dħul baxx, l-iżolament soċjali, id-diskriminazzjoni, aċċess limitat għas-suq tax-xogħol, aċċess limitat għat-trasport, anqas opportunitajiet edukattivi u aspetti relatati mas-saħħa. Dawn il-kwistjonijiet għandhom impatt negattiv fuq il-possibbiltajiet li persuna b'diżabilità tipparteċipa fl-isport.
8. B'rabta diretta mal-kuntest sportiv, il-persuni b'diżabilità jista' jkollhom jeġġlbu sfidi fosthom:
 - a) Is-severità ta' indeboliment tista' tillimita l-mobilità u saħansitra tikkawża wġiġh fiżiku f'ċertu taħriġ sportiv jew sitwazzjonijiet ta' logħob. Dan, flimkien ma' diversi ostakoli, jista' jiġi aggravat minn perċezzjoni tad-diżabilità tal-persuna stess li tkun negattiva jew li tillimita, b'mod partikolari n-nuqqas ta' fiduċja fil-kapaċità tal-persuna li tilgħab l-isport.

- b) Il-ħtieġa ta' ħiliet u għarfien speċjalizzati rigward id-diżabilità fost dawk li jaħdmu ma' persuni b'diżabilità f'kuntest ta' attività fiżika relatata mal-isport, b'mod partikolari l-għalliema tal-edukazzjoni fiżika, il-kowċis tal-isport u persunal sportiv ieħor.
 - c) Id-disponibilità ta' infrastruttura sportiva aċċessibbli fir-rigward ta' faċilitajiet ta' taħriġ sportiv jew tal-attendenza għalih, faċilitajiet sportivi li fihom jiġi pprattikat sport għall-persuni b'diżabilità, jew avvenimenti sportivi li fihom jistgħu jipparteċipaw persuni b'diżabilità.
 - d) L-ispejjeż finanzjarji addizzjonali relatati mal-akkwist ta' tagħmir sportiv speċjalizzat jew ma' servizzi ta' appoġġ, li mingħajrhom it-taħriġ jew il-logħob sportiv ma jkunx possibbli.
9. Il-parteċipazzjoni fl-isport għandha titqies mill-perspettiva tal-prattika tal-isport bħala forma ta' attività fiżika u mill-perspettiva tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet soċjali, pereżempju l-attendenza f'avvenimenti sportivi jew il-parteċipazzjoni attiva f'komunità sportiva bħala voluntieri, membri ta' klabb sportiv jew ta' klabb tal-partitarji.
10. Il-parteċipazzjoni fl-isport tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri tal-persuni b'diżabilità kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali tagħhom, filwaqt li żżid il-mobilità u l-awtonomija personali u tippromwovi l-inklużjoni soċjali.
11. Il-prattika tal-isport minn età bikrija ġġib magħha benefiċċji ulterjuri għall-persuni b'diżabilità, minħabba l-effett pożittiv fuq l-iżvilupp tal-ħiliet motorji, li huwa kruċjali għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja ġenerali ta' persuna.

12. Iż-żieda fl-attenzjoni tal-media mogħtija lill-avvenimenti sportivi tal-ogħla livell għall-persuni b'diżabilità jew lill-atleti b'diżabilità tista' tkun ta' ispirazzjoni kemm għall-persuni b'diżabilità kif ukoll mingħajr diżabilità biex jipprattikaw l-isport. Sabiex tiżdied l-attrazzjoni tal-isport għall-persuni b'diżabilità, għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li l-isport tal-massa jirċievi livelli adegwati ta' attenzjoni mill-media, mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-media.
13. It-teknoloġija ta' assistenza tista' tkun importanti biex tgħin lill-persuni b'diżabilità jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, kemm fil-livelli tad-dilettanti kif ukoll fl-ogħla livelli. Madankollu, id-disponibilità u l-affordabilità mifruxa tagħha jistgħu jkunu ta' tħassib.
14. L-implimentazzjoni u l-konformità ma' regoli dwar il-ġlieda kontra d-doping u regoli mfassla biex jiġġieldu x-xiri tal-logħob, kif ukoll l-iżgurar ta' valutazzjoni preċiża tad-diżabilitajiet u l-użu leali tat-teknoloġija ta' assistenza huma kruċjali għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-isport għall-persuni b'diżabilità.
15. Ix-xogħol volontarju huwa kritiku biex jappoġġa s-settur sportiv, inkluż għall-isport għall-persuni b'diżabilità.
16. Huwa importanti li tiġi inkluża perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istrateġiji u l-politiki mmirati biex iżidu l-parteeipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-isport.
17. L-isport jista' jipprovdi arena għall-interazzjonijiet soċjali bejn il-persuni b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità, u dan jagħmel l-isport għodda siewja għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-fehim reċiproku.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, BIEX

18. Jappoġġaw kampanji edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni soċjali għall-membri tal-familja, gwardjani legali, assistenti personali, għalliema tal-edukazzjoni fiżika, kowċis, persunal sportiv u atturi rilevanti oħra fil-komunità sportiva, b'diżabilità jew mingħajr diżabilità, bil-ħsieb li jiġi promoss approċċ miftuħ u akkoljenti għall-persuni b'diżabilità kif ukoll fehim xieraq tal-opportunitajiet u l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet sportivi għal kulħadd, inkluż għat-tfal u għall-adulti b'diżabilità. Fejn ikun xieraq, joffru assistenza lill-membri tal-familja u lill-gwardjani legali ta' persuni b'diżabilità, bil-ħsieb li dawn tal-aħħar jiġu mħeġġa jipparteċipaw fl-isport.
19. Jappoġġaw l-edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri tal-għalliema tal-edukazzjoni fiżika, kowċis, persunal sportiv ieħor u voluntiera b'mod ġenerali, b'diżabilità jew mingħajr diżabilità, billi jattrezzawhom bl-għarfien meħtieġ, b'ħiliet speċifiċi u b'rikonoxximent xieraq tal-kompetenza biex ikunu jistgħu jinkludu persuni b'diżabilità f'kuntesti ta' edukazzjoni fiżika jew sportivi differenti. Tali programmi ta' taħriġ għandhom iqisu d-differenzi bejn il-ħtiġijiet ta' persuni orjentati lejn il-parteċipazzjoni u dawk orjentati lejn il-prestazzjoni.
20. Jieħdu azzjoni biex jiżguraw l-aċċess tal-persuni b'diżabilità u mingħajr diżabilità għall-infrastruttura sportiva, inkluż l-attenzenza f'avvenimenti sportivi, fit-taħriġ jew fil-parteċipazzjoni fl-isport. Il-miżuri jistgħu jinkludu l-iżvilupp jew it-titjib tal-istandards ta' aċċessibilità fil-faċilitajiet sportivi, l-għoti ta' appoġġ uman personalizzat, id-disponibilità ta' fondi, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni fost l-organizzazzjonijiet sportivi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali tal-opportunitajiet eżistenti ta' finanzjament tal-UE, jew l-iffaċilitar, kif xieraq, tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-atleti b'diżabilità fil-korpi rilevanti ta' organizzazzjonijiet sportivi.

21. Fejn ikun xieraq fis-sistemi tal-iskejjel nazzjonali, jippromwovu programmi inklużivi tal-isport u tal-edukazzjoni fiżika, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità, bil-għan li jiġu offruti opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha billi jstimulaw il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet fiżiċi relatati mal-isport u jinkoraġġixxu l-interess tagħhom fl-isport.
22. Jużaw mezzi ta' kooperazzjoni eżistenti bejn l-Istati Membri sabiex jiġi promoss l-iskambju ta' għarfien espert u prattika tajba bil-ħsieb li jitjieb l-aċċess għall-isport għall-persuni b'diżabilità.
23. Jindirizzaw il-kwistjoni ta' atleti ta' livell għoli u ta' prestazzjoni għolja fil-kuntest ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni ta' persuni b'diżabilità, u jrawmu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward bejn il-korpi responsabbli għall-isport fl-Istati Membri.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

24. Jikkunsidraw li joffru appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet iddedikati speċifikament għall-promozzjoni tal-isport għall-persuni b'diżabilità u għall-organizzazzjonijiet sportivi konvenzjonali li jiżviluppaw attivitajiet sportivi għall-persuni b'diżabilità, fost l-oħrajn bil-għan li jqarrbu ż-żewġ komunitajiet sportivi lejn xulxin.
25. Jippromwovu u jappoġġaw azzjonijiet, fejn xieraq fil-livell tal-UE, relatati mal-ġbir regolari tal-istatistika u l-iżvilupp tal-indikaturi rigward l-isport u d-diżabilità, bħar-rati ta' parteċipazzjoni fl-isport, l-ostakoli għall-parteċipazzjoni, l-għadd ta' persuni b'diżabilità li huma rreġistrati mal-klabbs sportivi jew il-livell ta' interess fl-isport⁴.

⁴ F'konformità mal-Artikolu 31 tas-CRPD tan-NU

26. Jikkunsidraw li, fil-ħidma tal-gruppi ta' esperti rilevanti, jindirizzaw il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' persuni b'diżabilità fl-isport, inkluż il-ħiliet u t-taħriġ speċifiċi meħtieġa fir-rigward tal-ikkowċjar ta' persuni b'dizabilità⁵.
27. Jagħmlu użu mill-parti ta' finanzjament relatata mal-isport tal-programm Erasmus+ biex jippromwov u l-isport fost il-persuni b'diżabilità u l-iskambju ta' prattiki u politiki tajbin bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati; mill-Fondi Soċjali Ewropej għat-taħriġ professjonali tal-persunal sportiv jew għall-inklużjoni permezz ta' attivitajiet sportivi; mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali biex tiġi indirizzata l-aċċessibilità tal-infrastrutturi sportivi; u jużaw ir-riżultati tar-riċerka ta' proġetti ffinanzjati permezz ta' Orizzont Ewropa kif xieraq biex jixprunaw soluzzjonijiet innovattivi sabiex il-persuni b'diżabilità jiġu involuti fl-isport.
28. Fejn xieraq, jippromwov tali opportunitajiet ta' finanzjament u r-riżultati tal-proġetti ffinanzjati fost il-persuni b'diżabilità, organizzazzjonijiet sportivi u atturi mhux governattivi rilevanti oħra.
29. Jissensibilizzaw dwar l-eżiti pożittivi li jirriżultaw mill-ħidma li qed issir fil-qasam tal-isport għall-persuni b'diżabilità, inkluż dwar l-impatt pożittiv li għandu l-isport f'termini tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

30. Tkompli tinkludi l-isport f'azzjonijiet ewlenin futuri li jappoġġaw politiki futuri dwar id-diżabilità billi tibni fuq l-esperjenza miksuba s'issa fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea attwali tad-Diżabilità,

⁵ F'konformità mal-Artikolu 30 tas-CRPD tan-NU

31. Meta jkunu diskussi suġġetti dwar l-isport mas-sħab soċjali fi proċessi ta' djalogu soċjali fil-livell tal-UE, tinkludi politiki u miżuri tal-UE li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità u jrawmu l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom⁶.
32. Tiegħu l-opportunità tal-Premju Ewropew għall-Belt Aċċessibbli biex tagħti viżibilità lill-ibliet li jiffaċilitaw l-aċċess għall-faċilitajiet sportivi għall-persuni b'diżabilità, u tivvaluta kif l-esperjenza tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità tista' tikkontribwixxi biex jiżiedu l-livelli ta' attendenza f'avvenimenti sportivi anke minn persuni b'diżabilità.
33. Tintegra l-isport għall-persuni b'diżabilità f'diversi kwistjonijiet relatati mal-isport indirizzati fil-livell tal-UE bħall-karrieri doppji għall-atleti jew l-Attività Fiżika Favur is-Saħħa (HEPA)⁷.

JISTIEDEN LILL-MOVIMENT TAL-ISPORT BIEX

34. Jippromwovi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità f'attivitajiet sportivi ġenerali fil-livelli kollha⁸, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għat-twettiq b'suċċess tal-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport.
35. Jagħmel użu mill-mekkaniżmi ta' solidarjetà eżistenti, b'mod partikolari fil-livell tal-isport professjonali, sabiex l-isport għall-persuni b'diżabilità jkun jista' jiġi ffinanzjat b'mod adegwat.

⁶ F'konformità mal-Artikolu 4(3) tas-CRPD tan-NU.

⁷ <http://www.euro.who.int/en/health-topics/disease-prevention/physical-activity/activities/hepa-europe>

⁸ F'konformità mal-Artikolu 30(5) tas-CRPD tan-NU

36. Jadotta approċċ inklużiv meta jfassal sistemi ta' kompetizzjoni sportivi jew meta jippromwovi l-parteċipazzjoni fl-isport b'mod ġenerali billi jinkoraġġixxi miżuri bħall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet u ċerimonji ta' għoti ta' premjijiet għall-atleti b'diżabilità jew mingħajr diżabilità fl-istess ħin u fl-istess post. Fl-istess spirtu, jiffaċilita fejn xieraq l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fis-sessjonijiet tat-taħriġ jew fit-timijiet ta' persuni mingħajr diżabilità.
37. Jiżgura li l-faċilitajiet tat-taħriġ, tal-isport u li jospitaw ikunu aċċessibbli⁹, u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli¹⁰ biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità.
38. Iżid is-sensibilizzazzjoni fost il-persuni b'diżabilità fir-rigward ta' opportunitajiet ta' sport u taħriġ eżistenti li jwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom.
39. Jibni sħubiji ma' atturi istituzzjonali rilevanti ġejjin mis-settur privat jew pubbliku u li huma attivi fis-settur tad-diżabilità, sabiex jifhem aħjar il-ħtiġijiet u l-interessi tal-persuni b'diżabilità u jinkoraġġixxi ż-żieda fil-parteċipazzjoni fi programmi sportivi¹¹.

⁹ F'konformità mal-Artikolu 9 tas-CRPD tan-NU,

¹⁰ F'konformità mal-Artikolu 5(3) tas-CRPD tan-NU

¹¹ F'konformità mal-Artikolu 4(3) tas-CRPD tan-NU

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill ifakkru fi

1. L-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹², li jenfasizza l-funzjoni soċjali u edukattiva tal-isport.
2. Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-Nazzjonijiet Uniti¹³, li l-UE hija parti għaliha, u li tirrikonoxxi, pereżempju, id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jieħdu sehem fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor fil-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport.
3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli, li fir-rigward tal-isport, tenfasizza l-ħtieġa li titjieb l-aċċessibilità għall-isport, tiġi promossa l-parteciġazzjoni fl-avvenimenti sportivi u l-organizzazzjoni ta' dawk b'diżabilità speċifika¹⁴.
4. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà 2010-2020¹⁵
5. Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE¹⁶

¹² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A12008E165>

¹³ <https://www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities.html>

¹⁴ Dok. 16489/10 - COM(2010) 636 final

¹⁵ ĠU C 300, 11.10.2011, p. 1

¹⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50

6. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2017-2020)¹⁷, li tqiegħed enfasi partikolari fuq l-inklużjoni soċjali.
7. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-isport bħala sors u mutur tal-inklużjoni soċjali attiva¹⁸.
8. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-inklużjoni soċjali¹⁹.
9. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-isport bħala pjattaforma għall-inklużjoni soċjali permezz tal-volontarjat²⁰.
10. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kowċis fis-soċjetà²¹.

¹⁷ ĠU C 189, 15.6.2017, p. 5

¹⁸ ĠU 2010/C 326/04

¹⁹ ĠU C 32, 4.2.2014, p. 2

²⁰ ĠU C 189, 15.6.2017, p. 40

²¹ ĠU 2017/C 423/04